**Fit-Tribunal Industrijali**

*Fil-Kwistjoni tax-Xoghol*

*Kaz Nru 2791/JB*

*bejn:*

*Farrugia Jesmond*

*u*

*L-Awtorita tad-Djar*

*dwar l-allegat ksur ta' kondizzjonijiet tal-kuntratt tax-xoghol bejn il-partijiet.*

*Illum 20 ta' April 2012.*

*Decizjoni numru 2144*

*Chairman Avv Dr Joseph P Bonnici*

## Introduzzjoni

Illi r-rikorrent talab lil dan it-Tribunal jiddikjara li l-Awtorita' intimata naqset milli tonora l-obbligazzjonijiet taghha derivanti mill-kuntratt tax-xoghol ezistenti bejniethom u jaghtih ir-rimedji opportuni applikbbli fil-kaz tieghu.

Da parti taghha, l-Awtorita' irribatiet li minhabba riorganizzazzjoni fl-istruttura azjendali, kellhom isiru certi kambjamenti. Pero' ma giex affettwat r-rikorrent la fil-grad u wisq anqas fir- remunerazzjoni.

## Provi

Ir-rikorrent xehed illi inbidlitlu in- nomenklatura tal-grad tieghu u intilef il-*performance bonus*. Oltre minn hekk ma setax jiehu promotion ohra. Dana jirrizulta minn kuntratt ta' impjieg b'effett mit-tlieta u ghoxrin (23) ta' April 2007. Kien ukoll soggett li jsir Senior Manager dejjem bl-approvazzjoni tac-Chairman.

Da parti taghha s-socjeta' intimata ipprezentat nota ta' l-osservazzjonijiet.

## Konsiderazzjonijiet

Illi mhux kontestat bejn il-partijiet illi kien hemm kambjament fl-organizzazzjoni tal-Awtorita'. Kien hemm amalganuzzjoni ta' strutturi u nomenklaturi tal-grad okkupat mill-ufficjali f'kariga manigerjali. It-titoli ta' Direttur/Manager gew eliminati. Il-grad ta' supervisor beda jigi ekwiparat ma' dak ta' manager. *Ex admissis*, ir-rikorrent baqa' jaghmel l-istess mansjonijiet precedenti.

Apparti nomenklatura ir-rikorrent jillamenta wkoll n-nuqqas ta' pagament ta' ' *performance bonus*' – ekwivalenti minn persentagg ta' 0-5. Jigi ribadit li ghalkemm huwa veru li tali kondizzjoni hija inkluza fil-kuntratt tax-xoghol pero' l-attwalita' taghha mhix awtomatika. L-ghoti tieghu hija soggetta ghad-diskrezzjoni tas-superjuri tieghu. Jista' jinghata u jista' ma jinghatax. Il-principal ghandhu dritt izda mhux dover li jikkoncedieh.

Illi l-Awtorita' pero issostni u f' dan is-sens, anki r-rikorrent jaqbel maghha (vide xhieda tieghu tas-seduta tat- tnax (12) ta' Novembru 2010) li din ir-riorganizzazzjoni la tilef il-post tax-xoghol ghax ma giex dikjarat redundant (vide addenduni Dok HA1 u HA2 ghal ftehim kollettiv u wisq anqas tilef mill-introjtu salarjali tieghu.

Minn dsatax il-elf u tmienja u ghoxrin Euro (€19028) tela' ghal dsatax il-elf u erba' mija (€19400) oltre disgha mija u wiehed u hamsin Euro (€951) bonus. Bir- riorganizazzjoni tela' ghal ghoxrin elf u mitejn Euro (€20200). B' dan il-mod, huwa zgur mar ahjar!

Jirrizulta mis-suespost li r-rikorrent gie affettwat b' mod permanent legger bir- riorganizzazzjoni u ftehim kollettiv. Ma giex kontestat li l-ezercizzju maghmul mill-Awtorita' kien xi wiehed finali u/jew inutili. Lanqas ir-rikorrent ma seta' jippretendi li l-Awtorita ma tbiddel u/jew taltura u/jew timmeljora l-istruttura taghha. Dejjem dana fil-kontest li d-drittijiet tal-haddiema ma jigux menomati.

## Konkluzzjoni

Illi t-Tribunal jiddeciedi li bir-ri-organizzazzjoni maghmula l-Awtorita' ma kisret l-ebda kondizzjoni ta' xoghol ezistenti bejn il-partijiet.

It-Tribunal ma kienx f' posizzjoni li jittermina din il-kwistjoni stabbilit mill-ligi.

Drittijiet jammontaw ghal tmenin Euro (€80).

Iffirmat : **Dr Joseph P Bonnici**
*Chairman.*

**Vera kopja**

**Mary Roe Galea**
**Ghas-Segretarju**